**MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD**
**UNIVERSITY OF MALTA, MSIDA**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**MATRICULATION EXAMINATION / L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**

**INTERMEDIATE LEVEL / IL-LIVELL INTERMEDJU**

**SEPTEMBER 2017 / SETTEMBRU 2017**

| | |
|---|---|
| **SUBJECT / SUĠĠETT:** | SYSTEMS OF KNOWLEDGE / L-OQSMA TAL-GĦERF |
| **DATE / DATA:** | $5^{th}$ September 2017 / il-5 ta' Settembru 2017 |
| **TIME / ĦIN:** | 4:00 p.m. to 7:05 p.m. / mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

Answer **FOUR** questions, **ONE** from each section.

- You may answer in either English or Maltese.
- This paper carries 60% of the global mark.
- Each question carries 25 marks.
- Arguments should be made clearly.
- Make sure you discuss each question fully.
- Answers that are out of point (not relevant to the question) will not be considered.

You are to write **EACH ANSWER** on a different booklet. Indicate the section and question number clearly on each booklet.

*Wieġeb **ERBA'** mistoqsijiet, **WAĦDA** minn kull taqsima.*

- *Tista' twieġeb bl-Ingliż jew bil-Malti.*
- *Il-marki ta' din il-karta jammontaw għal 60% tal-marka globali.*
- *Kull mistoqsija fiha 25 marka.*
- *L-argumenti jridu jkunu ċari.*
- *Kun żgur li twieġeb kull mistoqsija b'mod sħiħ.*
- *Tweġibiet li jkunu barra mis-suġġett (ma jkunux relevanti għall-mistoqsija) ma jiġux ikkonsidrati.*

*Ikteb **KULL TWEĠIBA** fuq booklet differenti. Indika t-taqsima u n-numru tal-mistoqsija b'mod ċar fuq kull booklet.*

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

## SECTION A / TAQSIMA A

**Write your answer on a new booklet**
***Ikteb it-tweġiba tiegħek fuq booklet ġdid.***

**EITHER/*JEW***

A1 On Tuesday, Parliament finally approved Bill 113, which enacts the censorship reform of the Criminal Code. The two most important changes introduced by this Bill are the repeal of the crime of religious vilification and the relaxation of the pornography law through its replacement by an extreme pornography law.

(*The Times of Malta* 14th July 2016)

The title of the article from which this extract is taken is 'Triumph for Freedom of Expression'. Do you consider such changes to be positive or negative? Provide arguments and evidence to support your position.

*It-Tlieta, il-Parlament fl-aħħar approva l-Abbozz ta' Liġi 113, li għadda r-riforma fiċ-ċensura tal-Kodiċi Kriminali. L-aktar żewġ bidliet importanti li ddaħħlu f'dan l-Abbozz huma r-revoka tad-delitt tal-vilipendju tar-reliġjon u l-laxkar tal-liġi tal-pornografija li nbidlet biex ġiet liġi tal-pornografija estrema.*

*(The Times of Malta 14 ta' Lulju 2016)*

*L-isem tal-artiklu mnejn ittieħdet din is-silta huwa "Rebħa għal-Libertà tal-Espressjoni". Kif tarahom dawn il-bidliet: pożittivi jew negattivi? Agħti argumenti u evidenza biex issaħħaħ il-qagħda tiegħek.*

**OR/*JEW***

A2 Imagine that you were asked to write a report on the health of democracy in Malta. Identify the democratic institutions and processes you would look at. What conclusions would you draw on each one? Support your arguments with appropriate evidence and reflections.

*Immaġina li ntlabt tikteb rapport fuq is-saħħa tad-demokrazija f'Malta. Identifika istituzzjonijiet u proċessi demokratiċi li tikkonsidra. X'konklużjonijiet tiġbed fuq kull wieħed? Saħħaħ l-argumenti tiegħek b'evidenza u riflessjonijiet xierqa.*

## SECTION B / TAQSIMA B

**Write your answer on a new booklet**
***Ikteb it-tweġiba tiegħek fuq booklet ġdid.***

**EITHER/*JEW***

B1 It is argued that art has more value than simply its monetary worth. Discuss the values that are attached to art with reference to works from the Classical to the Modern Period.

*Hawn min jargumenta li l-arti għandha aktar valur minn sempliċiment il-flus li tiswa. Iddiskuti l-valuri marbutin mal-arti b'referenza għal xogħlijiet mill-Perjodu Klassiku għal dak Modern.*

**OR/*JEW***

B2 With reference to works of art from the Classical to the Modern Period, evaluate the relationship between art and technology. Comment on how technological developments influence changes in the art world, and provide examples to support your statements.

*B'referenza għal xogħlijiet tal-arti mill-Perjodu Klassiku sal-Perjodu Modern, evalwa r-relazzjoni bejn l-arti u t-teknoloġija. Ikkummenta fuq kif l-iżviluppi teknoloġiċi jinfluwenzaw il-bidliet fid-dinja tal-arti, u agħti eżempji biex tissapportja l-istqarrijiet tiegħek.*

## SECTION C / TAQSIMA C

**Write your answer on a new booklet**
***Ikteb it-tweġiba tiegħek fuq booklet ġdid.***

**EITHER/*JEW***

C1 Scientists apply the Scientific Method to their investigations. They use both deductive reasoning and inductive reasoning. Discuss the roles of deductive reasoning and inductive reasoning in the process of the scientific method.

*Ix-xjentisti japplikaw il-Metodu Xjentifiku għall-investigazzjonijiet tagħhom. Jinqdew kemm b'raġunar deduttiv u kemm b'raġunar induttiv. Iddiskuti r-rwol li għandhom ir-raġunar deduttiv u r-raġunar induttiv fil-proċess tal-metodu xjentifiku.*

**OR/*JEW***

C2 "Science can only ascertain what is, but not what should be, and outside of its domain value judgments of all kinds remain necessary." Albert Einstein

Does science shed light over how mankind should address moral dilemmas or does it create more? Do moral choices determine what scientists should investigate? Discuss these questions and comment on morality's place in science.

*"Ix-xjenza tista' biss tikkonferma dak li hu, imma mhux dak li għandu jkun, u 'l barra mid-dominju tagħha ġudizzji ta' valur ta' kull xorta jibqgħu neċessarji." Albert Einstein*

*Tista' x-xjenza tixħet dawl fuq kif il-bniedem għandu jindirizza d-dilemmi morali, jew toħloq aktar minn dawn id-dilemmi? L-għażliet morali jiddeterminaw x'għandhom jinvestigaw ix-xjentisti? Iddiskuti dawn il-mistoqsijiet u kkummenta fuq x'sehem għandha l-moralità fix-xjenza.*

## SECTION D / TAQSIMA D

**Write your answer on a new booklet**
***Ikteb it-tweġiba tiegħek fuq booklet ġdid.***

**EITHER/*JEW***

D1 The 2005 World Summit on Social Development identified sustainable development goals such as economic development, social development and environmental protection. These three pillars of sustainability are not individually exclusive and can be mutually reinforcing. In fact, the three pillars are interdependent and in the long run none can exist without the others.

(adapted from World Summit on Social Development, 2005)

Discuss this statement and provide examples and arguments that illustrate these issues.

*Is-Summit Dinji tal-2005 fuq l-Iżvilupp Soċjali identifika l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli bħal żvilupp ekonomiku, żvilupp soċjali, u ħarsien ambjentali. Dawn it-tliet pilastri ta' sostenibilità mhumiex esklużivi individwalment u jistgħu jirrinforzaw lil xulxin. Infatti, it-tliet pilastri huma interdipendenti u fl-aħħar mill-aħħar l-ebda wieħed minnhom ma jista' jeżisti mingħajr l-oħrajn.*

*(adattata minn World Summit on Social Development, 2005)*

*Iddiskuti din id-dikjarazzjoni u agħti eżempji u argumenti li juru dawn il-kwistjonijiet.*

**OR/*JEW***

D2 There is a growing awareness in many countries about the need to safeguard the environment and protect it from further human impacts. However, the call for change in our daily behaviour, in an effort to reduce environmental impacts, is met with many different obstacles that hinder the progress of this effort. Some people believe that if humans continue moving forward in such a harmful way towards the future, then there will be no future to consider.

Discuss this statement and consider the issues raised from a social and political perspective. Provide arguments and examples that support your analysis of the issues.

*Hemm għarfien li kulma jmur qed jikber f'bosta pajjiżi dwar il-ħtieġa biex jipproteġu l-ambjent u jħarsuh minn aktar impatti umani. Imma, is-sejħa għall-bidla fl-imġiba tagħna ta' kuljum, fl-isforz biex jitnaqqsu l-impatti ambjentali, tintlaqa' b'bosta ostakli differenti li jxekklu l-progress ta' dan l-isforz. Xi wħud jemmnu li jekk in-nies jibqgħu mexjin b'dan il-mod ta' ħsara lejn il-futur, ma jibqa' ebda futur x'nieħdu ħsieb.*

*Iddiskuti din id-dikjarazzjoni u kkonsidra l-kwistjonijiet li jitqajmu mill-perspettiva politika u soċjali. Agħti argumenti u eżempji biex tissapportja l-analiżi tiegħek tal-kwistjonijiet.*